EUROPA TOURS

# Austrian Alpine Escape

*With a touch of Tyrol & Bavaria*

**A: 18 – 23 ta' Lulju B: 17 – 22 t'Awwissu 14 - 19 ta' Settembru**

**Kufstein, Hallstatt, Klagenfurt, Velden, Grossglockner, Zell Am See, Rosenheim...**

## L-Ewwel Jum

Niltaqgħu mat-tour leader fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-05.15. Nagħmlu check-in għat-titjira KM306 lejn Munich li titlaq fis-07.15 u naslu fl-Ajruport ta' Munich fl' 09.45. Transfer bil-kowċ lejn Bad Gastein, iżda qabel nagħmlu waqfa biex inżuru r-raħal Awstrijakk sabiħ ta' **Kufstein**, magħruf għall-atmosfera tipika Tiroliża u l-ambjent pittoresk tiegħu. Wara nkomplu lejn il-lukanda tagħna ta' 4* **Hotel Mundi**. Check-in tal-kmamar u wara nagħmlu mixja mat-tour leader biex insiru nafu aħjar l-inħawi.

## It-Tieni Jum

Breakfast, nitilqu għal eskursjoni lejn il-villaġġ pittoresk ta' **Hallstatt**, wieħed mill-isbaħ postijiet fl-Awstrija. Inżuru l-famużi **minjieri tal-melħ ta' Hallstatt**, fost l-eqdem fid-dinja, fejn nesperjenzaw tour interessanti dwar l-istorja tal-estrazzjoni tal-melħ (dħul extra). Ikollna wkoll l-opportunità nitilgħu fuq il-**Hallstatt Skywalk**, pjattaforma panoramika li toffri veduti spettakolari tal-lag u tal-muntanji tal-madwar. Ħin liberu biex ingawdu ċ-ċentru storiku tar-raħal qabel nirritornaw lejn il-lukanda.

## It-Tielet Jum

Wara l-breakfast, eskursjoni lejn **Klagenfurt**, il-kapitali tar-reġjun ta' Carinthia. Nagħmlu dawra fiċ-ċentru storiku fejn naraw il-pjazez ewlenin, il-funtana famuża tad-Dragun (Lindwurm) u postijiet oħra ta' interess. Wara nkomplu lejn **Velden am Wörthersee**, resort eleganti fuq ix-xatt tal-Lag Wörthersee, magħruf għall-lukandi lussużi u l-prominade sabiħa tiegħu. Ħin liberu biex tgawdu l-veduti tal-lag qabel nirritornaw lejn Bad Gastein.

## Ir-Raba' Jum

Illum ikollna ġurnata sħiħa ddedikata għall-esperjenza tul il-**Großglockner High Alpine Road**, waħda mill-aktar toroq panoramiċi spettakolari fl-Ewropa. Din it-triq tgħaddi minn qalb il-muntanji tal-Alpi Awstrijaċi u twassalna għal veduti mill-isbaħ tal-ogħla muntanja tal-Awstrija, il-Großglockner (cable car extra). Waqfiet għal ritratti u ħin biex ingawdu l-ambjent naturali uniku ta' din iż-żona alpina. Nirrtornaw lejn il-hotel



**EUROPA TOURS**

### Il-Ħames Jum
Wara l-breakfast, nitilqu lejn **Zell am See**, belt sabiħa fuq ix-xatt tal-Lag Zell. Ikollna ħin għal mixja mal-promenade u min jixtieq jista' jagħżel li jagħmel **boat ride fuq il-Lag Zell** (extra) Wara nofsinhar inkomplu lejn **Kaprun High Mountain Reservoirs**, noqbdu cable car (extra) **ta' Lärchwand li** huwa l-akbar cable car tal-passiġġieri fl-Ewropa, li jipprovdi veduta panoramika mill-isbaħ tal-**muntanji Hohe Tauern** naraw ukoll ir-riżervwarji impressjonanti mdawrin b'xenarju Alpinu spettakolari. Esperjenza unika fost il-muntanji qabel nirritornaw lejn il-hotel.

### Is-Sitt Jum
Wara l-breakfast nagħmlu check-out u nitilqu lejn l-Ajruport ta' Munich permezz ta' **Rosenheim**, fejn nagħmlu waqfa qasira jekk il-ħin jippermetti. Inkomplu lejn l-ajruport għall-flight KM309 li titlaq fil-17.10 u naslu lura Malta fis-19.30.

### Prezz kull Persuna
### Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1'130 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1'150 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1'260 |
| Tfal sa 11 – il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €1'020 |

### Prezz jinkludi
Titjira mal-KM Malta Air għal Munich
20kgs Check-In Luggage + Hand Luggage
Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
5 iljieli - Hotel Mundi 4* fiċ-ċentru ta' Bad Gastein
Continental Buffet Breakfast Kuljum
Taxxi tal-ajruport
Tour Leader
Insolvency Fund

### Prezz ma jinkludiex:
City Tax
Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc



